MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru. 566/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON CASSAR**

**KONTRA**

**JONATHAN FELICE ta’ 21 sena, iben Emanuel u Maryanne nee’ Bugeja, imwieled tal-Pieta’ nhar it-12 ta’ Awwissu, 1988, residenti fil-fond Block 2, Flat 13, Triq id-Deheb Fin, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 389288M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi JONATHAN FELICE li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn il-21 u t-22 ta’ April, 2005, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta’ apparat ta’ hi-fi minn vettura tat-tip

Fiat Punto, bin-numru tar-registrazzjoni CBI 187 ghad-dannu ta’ Alexander Falzon, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fil-vettura fin-numru tar-registrazzjoni CBI 187, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

3. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Mejju, 2005, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta’ apparat ta’ hi-fi minn vettura tat-tip Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzjoni BBO 259 ghad-dannu ta’ Mark Anthony Azzopardi, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBO 259, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

5. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn it-18 u d-19 ta’ Mejju, 2005, fil-Hamrun, ikkommetta serq ta’ apparat ta’ hi-hi miinn vettura tat-tip Hyundai S Coupe bin-numru tar-registrazzjoni FBB 108 ghad-dannu ta’ Clint Caruana, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBB 108 liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin;

7. U aktar talli kiser il-provvediment ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta datata 8 ta’ Lulju, 2004, fejn gie moghti l-liberta’ bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Ikkunsidrat:

Ili din il-kawza titratta tliet serqiet li sehhew minn tliet vetturi differenti bejn il-lejl tal-21 u t-22, u t-18 u d-19 ta' Mejju, 2005, kollha minn gewwa l-Hamrun u l-konsegwenti hsara li saret fuq l-istess vetturi misruqa. Dawn kienu Fiat Punto numru ta' registrazzjoni CBI 187 proprjeta' ta' Alexandra Falzon, Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzjoni BBO 259 proprjeta' ta' Mark Anthony Azzopardi, u Hyundai S Coupe proprejta' ta' Clint Caruana bin-numru tar-registrazzjoni FBB 108.

Kull serqa giet debirament irraportata lill-pulizija u ghalhekk gew prezentati l-PIRS reports, vide ghalhekk DOK FA u DOK CM.

Fuq tali rapport maghmul kull derubat kellu jnizzel il-vettura tieghu id-Depot (CID Yard) biex hemm fuq l-istess vettura saru ezamijiet forensici, mod partikolari gew elevati l-impronti digitali minn fuq l-istess vettura.

Ghalhekk PC 680 Colin Sheldon xehed illi huwa ghamel tali ezamijiet  fuq Hyundai S Coupe, FBB 108. prezenta ghalhekk ir-relazzjoni tieghu bil-lifters relattivi elevati, DOK CS (folio 13).

PC 1238 Clive Brimeer ghamel tali ezamijiet fuq il-vettura BBO 259, din Vauxhall Nova. Prezenta r-relazzjoni tieghu bil-lifters elevati bhala DOK CB folio 25.

Prezenta wkoll dan il-Kuntistabbli r-relazzjoni DOK CB1 folio 31 tal-ezamijiet imsemmija, li ghamel fuq il-vettura CBI 187, Fiat Punto.

Illi ghalhekk fil-mori ta' din il-kawza din il-Qorti ordnat li jittiehdu l-impronti digitali u tal-palma ta' l-id ta' l-imputat u li dawn kellhom jigu komparati ma' dawk rizultanti mill-ezamijiet forensici hawn fuq imsemmija. Ghal dan l-iskop din il-Qorti hatret lill-espert Joseph Mallia, li ghadda biex

qeda tali nkarigu u prezenta r-relazzjoni tieghu, DOK JM, a folio 57 tal-process.

Fost il-konkluzjonijiet li wassal ghalihom l-espert Joseph Mallia senjalament jirrizulta:
a. Illi l-impronti li jidhru fuq il-lifter DOK 05 BJX 301 huwa identici u gew maghmula mill-marka tas-saba l-werrej u s-saba tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' Jonathan Felice. Folio 31 DOK MM, skond ir-relazzjoni DOK CB1 dan il-lifter gie elevat minn kaxxa tal-plastic ta' CD fuq is-seat tal-passiggier tal-Fiat Punto CBI 187 (folio 32 DOK CB1).

F'pagna 32 ta' DOK JM jirrizulta li l-lifter DOK 05 BRP 301 huwa identiku u maghmul mill-marka tas-saba l-kbir ta' l-id ix-xellugija ta' Jonathan Felice. Dan il-lifter gie misjub u elevat fuq il-hgiega tal-bieba tax-xufier fuq barra (folio 15 DOK CS), minn fuq il-vettura Hyundai S Coupe numru tar-registrazzjoni FBB 108.

Fl-istess pagna tad-dokument JH jirrizulta wkoll il-lifter 05 BRP 303 gie wkoll ikkomparat u rrizulta identiku ghall-marka tas-saba l-kbir ta' l-id il-leminija ta' Jonathan Felice. Dan il-lifter skond fid-dokujment CS gie elevat fuq il-geng taht il-hgiega tax-xufier fuq barra, allura wkoll tal-vettura Hyundai hawn fuq imsemmija (folio 15 DOK CS).

Lifer iehor li gie kkomparat kif tirrizulta mill-folio 32 tad-dokument JM hija 05 BRR 304. Din qablet u kienet identika u giet maghmula mis-saba tan-nofs tal-id il-leminija wkoll ta' Jonathan Felice. Id-dokument 05 BRR 304 huwa skond ir-relazzjoni DOK CB (folio 27), impronta digitali elevata minn fuq il-vettura Vauxhall Nova BBO 259 minn fuq il-hgiega tan-naha ta' barra tal-bieba tax-xufier <u>li kienet sgassata</u> (enfasi tal-Qorti).

Illi dak illi Jonathan Felice li ghalih ghamel referenza ir-rapport DOK JM ghandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 389288(M), allura l-imptuat odjern.

Xehdet anke d-derubati tal-vetturi msemmija. Ghalhekk Clint Caruana xehed illi sab il-karozza tieghu miksura, din

kienet Hyundai S Coupe. Minnha sab nieqes stereo tal-marka Clarion li qal illi kien swieh Lm500.00. Ta' dan ma kellux ricevuti. Dwar il-hsarat li kellha l-vettura ezebixxa ricevuta a folio 50 ghall-ammont ta' Lm300.90.

Mark Azzopardi sid il-vettura Vauxhall Nova xehed illi sab derubat minn gol-vettura, ghalkekk sab il-hsarat fl-istess, fil-bieba tan-naha tax-xufier. Xehed ukoll illi sab nieqsa l-ispeaker u l-amplifier, dan ghall-ammont ta' Lm250.00.

Muri d-dokumenti a folio 48 u 49 ikkonferma l-hsarat li sofriet l-istess vetturi ghall-ammont ta' Lm106.20.

Alexander Falzon xehed illi hu kellu Fiat Punto u li minnha nsterqu stereo, speakers, u l-board fejn jitwahhlu. Din kellha n-numru tar-registrazzjoni CBI 187. Ikkalkula Falzon illi bejn il-hsarat sofferti fuq il-vettura u l-oggetti misruqa anke dan l-istereo tad-ditta Clarion, illi d-danni sofferti jammontaw ghal Lm700.00.

Ikkonferma d-dokumenti a folio 51 u 52 (dawn ta' l-ahhar minnu kompilati).

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza sahhet dwar il-lokalita' fejn instabu l-impronti digitali li qablu ma' ta' l-imputat in kwantu dawn biss kienu l-provi migjuba kontra l-imputat. Ghalhekk sahhet illi in kwantu nstabu l-postijiet daqshekk accessibbli ghall-pubbliku bhal ma hu l-kaz fuq barra ta' vettura, dawn wahidhom ma jaghmlux prova kontra l-imputat. Sa hawn il-Qorti tista' tasal biex taqbel mad-Difiza in kwantu, kull dubbju ghandu jmur favur l-imputat.

Pero mir-relazzjoni ta' Joseph Mallia jirrizulta li wahda mill-impronti digitali nstabet gewwa (enfasi tal-Qorti), il-vettura misruqa. Illi hawn si tratta ta' xenarju ferm differenti. Hawn si tratta tas-serqa li saret mill-Fiat Punto.

Ghaldaqstant din il-Qorti waqt illi qieghda tillibera lil Jonathan Felice mit-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza, issib htija in kwantu ghall-ewwel u t-tieni akkuza u

dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 278, 279 , 280, u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali ta’ l-imputat, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputat hgal piena karcerarja ta’ sena(1);
Rat ukoll is-sitt akkuza dedotta taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat is-sentenza ezebita f’format xejn deziderabbbli ghandu jinghad. Rat pero l-particulars imsemmija fl-istess sentenza jaqblu ma’ dawk ta’ l-imputat;
Rat illi anke hawn Jonathan Felice kein ghadda in gudikat ghal serqiet simili, u zzomm ferm dik il-kundizzjoni taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’effett mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------